*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,586, 16 ta' Frar, 1979*

*Taqsima C*

# Nru. 96

16. 2. 79

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Agatha Barbara, M.P., Ministru tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-8 ta' Frar, 1979.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1948 dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ.**

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Agatha Barbara, M.P., Minister of Labour, Culture and Welfare, and read the First time at the Sitting of the 8th February, 1979.

**AN ACT further to amend the Old Age Pensions Act, 1948.**

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI

### msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1948 dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1979 li jemenda l-Att dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1948 dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) L-artikolu 4 ta' dan l-Att għandu jkollu effett mill-20 ta' Jannar, 1979.

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(b) il-persuna turi għas-sodisfazzjon tal-Ministru li tkun ċittadin ta' Malta u li tkun irrisjediet f'Malta għal perijodu totali ta' mhux inqas minn tnax-il sena minn meta tkun għalqet l-età ta' ħamsa u erbgħin sena; u ";

(b) minflok il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) il-persuna turi għas-sodisfazzjon tal-Ministru li tkun ċittadin ta' Malta u li tkun irrisjediet f'Malta għal perijodu totali ta' mhux inqas minn għaxar snin minn meta tkun għalqet l-età ta' erba' snin; u", u

(ċ) minflok il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2A) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) il-persuna turi għas-sodisfazzjon tal-Ministru li tkun ċittadin ta' Malta u li tkun irrisjediet f'Malta għal perijodu totali ta' mhux inqas minn għaxar snin minn meta tkun għalqet l-età ta' sitt snin, u".

3. Minnufih wara l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

Żieda ta' artikolu ġdid 16A ma' l-Att prinċipali.

Estensjoni ta' applikazzjoni ta' l-Att.

16A. Il-Ministru jista', b'ordni, jestendi l-applikazzjoni ta' dan l-Att għal persuni li ma jkunux ċittadini ta' Malta sabiex jingħata effett lil xi konvenzjoni, ftehim jew arranġament li fih Malta tkun parti u li jipprovdi għal reċiproċità fl-għoti ta' pensjonijiet jew *allowances* mhux kontributorji.".

4. Minflok il-paragrafi 1 u 2 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Emenda ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

"(1) Meta l-mezzi totali fis-sena ta' raġel u martu (mhux mifrudin skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, u ż-żewġ persuni jkollhom jedd għal pensjoni taħt dan l-Att) kalkolati skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att —

| | Rata ta' pensjoni fil-ġimgħa kull persuna |
|---|---|
| ma jkunux iżjed minn £100 ... ... ... | £7.55,0 |
| ikunu iżjed minn £100 iżda mhux iżjed minn £200 ... ... ... ... ... ... | £6.30,0 |
| ikunu iżjed minn £200 iżda mhux iżjed minn £300 ... ... ... ... ... ... | £5.05,0 |
| ikunu iżjed minn £300 iżda mhux iżjed minn £400 ... ... ... ... ... ... | £3.80,0 |
| ikunu iżjed minn £400 ... ... ... | Ebda pensjoni. |

(2) Meta l-mezzi fis-sena ta' xi ħaddieħor li jitlob jew ta' xi pensjonant ieħor kalkolati skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att —

| | Rata ta' pensjoni fil-ġimgħa kull persuna |
|---|---|
| ma jkunux iżjed minn £50 ... ... ... | £9.60,0 |
| ikunu iżjed minn £50 iżda mhux iżjed minn £100 ... ... ... ... ... ... | £8.15,0 |
| ikunu iżjed minn £100 iżda mhux iżjed minn £150 ... ... ... ... ... ... | £6.70,0 |
| ikunu iżjed minn £150 iżda mhux iżjed minn £200 ... ... ... ... ... ... | £5.15,0 |
| ikunu iżjed minn £200 ... ... ... | Ebda pensjoni". |

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jżid il-pensjoni li titħallas taħt l-Att ta' l-1948 dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ, u li jillimita l-applikazzjoni tiegħu għal ċittadini ta' Malta, b'dan li jista' jiġi estiż b'ordni, għal ċittadini ta' pajjiżi oħra li magħhom ikun hemm fis-seħħ konvenzjoni, ftehim jew arranġament relattiv.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Old Age Pensions Act, 1948.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows: —

Short title and commencement.

**1.** (1) This Act may be cited as the Old Age Pensions (Amendment) Act, 1979, and shall be read and construed as one with the Old Age Pensions Act, 1948, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) Section 4 of this Act shall have effect as from the 20th day of January, 1979.

Amendment of section 5 of the principal Act.

**2.** Section 5 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) for paragraph (b) of subsection (1) thereof there shall be substituted the following:

"(b) the person shall show to the satisfaction of the Minister that he is a citizen of Malta and that he has resided in Malta for an aggregate period of not less than twelve years since attaining the age of forty-five years; and";

(b) for paragraph (c) of subsection (2) thereof there shall be substituted the following:

"(c) the person shall show to the satisfaction of the Minister that he is a citizen of Malta and that he has resided in Malta for an aggregate of not less than ten years since attaining the age of four years; and", and

(c) for paragraph (c) of subsection (2A) thereof there shall be substituted the following:

"(c) the person shows to the satisfaction of the Minister that he is a citizen of Malta and that he has resided in Malta for an aggregate period of not less than ten years since attaining the age of six years, and".

3. Immediately after section 16 of the principal Act there shall be added the following new section:

Addition of new section 16A to the principal Act.

"Extension of application of Act.

16A. The Minister may, by order, extend the application of this Act to persons who are not citizens of Malta in order to give effect to any convention, agreement or arrangement to which Malta is a party and which provides for reciprocity in the grant of non-contributory pensions or allowances.".

4. For paragraphs 1 and 2 of the Schedule to the principal Act there shall be substituted the following:

Amendment of Schedule to the principal Act.

"(1) Where the total yearly means of a married couple (not being separated in accordance with the provisions of the Civil Code, and both persons being entitled to a pension under this Act) calculated in accordance with the provisions of this Act —

| | Weekly rate of pension per person |
|---|---|
| do not exceed £100 ... ... ... ... | £7.55,0 |
| exceed £100 but do not exceed £200 ... ... | £6.30,0 |
| exceed £200 but do not exceed £300 ... ... | £5.05,0 |
| exceed £300 but do not exceed £400 ... ... | £3.80,0 |
| exceed £400 ... ... ... ... ... | No pension. |

(2) Where the yearly means of any other claimant or pensioner calculated in accordance with the provisions of this Act —

| | Weekly rate of pension per person |
|---|---|
| do not exceed £50 ... ... ... ... | £9.60,0 |
| exceed £50 but do not exceed £100 ... ... | £8.15,0 |
| exceed £100 but do not exceed £150 ... ... | £6.70,0 |
| exceed £150 but do not exceed £200 ... ... | £5.15,0 |
| exceed £200 ... ... ... ... ... | No pension". |

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to increase the pension payable under the Old Age Pensions Act, 1948, and to limit its application to citizens of Malta, subject to it being extended, by order, to nationals of other countries with which there may be in force a relative convention, agreement or arrangement.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*
Prezz 1c — *Price 1c*